

## RAPPORT

### dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Awtorità

(2015/C 409/20)

#### INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll bħala l-"EIOPA"), li tinsab fi Frankfurt, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>. Il-kompitu tal-Awtorità huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti, li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha u li tippromwovi l-ħarsien tad-detenturi ta' poloz, u dak tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjonijiet<sup>(2)</sup>. L-Awtorità ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011.

#### INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

#### DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>(3)</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet.

#### *Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi<sup>(5)</sup>:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni<sup>(6)</sup>; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

<sup>(2)</sup> L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(3)</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

<sup>(5)</sup> L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(6)</sup> Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

**Ir-responsabbiltà tal-awditur**

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(7)</sup> b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Awtorità kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE <sup>(8)</sup>.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA**

11. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien għoli flivell ta' 95 %. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati wkoll baqa' għoli flivell ta' EUR 5,6 miljun, jiġifieri 26 % (2013: EUR 5,2 miljun, jiġifieri 28 %), b'mod partikolari għall-baġit operazzjonali (it-Titolu III) flivell ta' EUR 4,7 miljun, jiġifieri 66 % (2013: EUR 3,7 miljun jew 85 %). Ir-riporti huma prinċipalment relatati ma' kuntratti speċifiċi b'valur kumulattiv ta' EUR 2,4 miljun iffirmati lejn tmien is-sena, b'mod partikolari għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' database li għadhom għaddejjin (EUR 1,8 miljun) u servizzi oħra tal-IT li se jiġu pprovduti fl-2015. Parti mill-approprjazzjonijiet impenjati riportati hija relatata ma' trasferimenti tal-baġit li saru f'Novembru u Diċembru 2014, meta l-Awtorità żiedet il-baġit operazzjonali (it-Titolu III) b'EUR 1,1 miljun (19 %) permezz ta' trasferimenti mill-baġit għall-persunal (it-Titolu I) ta' EUR 858 828 u min-nefqa amministrattiva (it-Titolu II) ta' EUR 266 360. It-trasferimenti kienu intenzjonati li jikkompensaw għan-nuqqasijiet fil-baġit 2015 tal-Awtorità wara tnaqqisiet sostanzjali fil-baġit deċiżi mill-awtoritajiet ta' kwittanza. Dawn in-nuqqasijiet ma kinux se jippermettu li l-Awtorità tkompli timplimenta l-istrategġija pluriennali tal-IT tagħha, li kienet waħda mill-attivitajiet operazzjonali ewlenin tagħha.

12. Għalkemm it-trasferimenti tal-baġit, ir-riporti u l-impenji relatati huma skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament Finanzjarju tal-UE u ġew esegwiti wara deċiżjonijiet tal-Bord Maniġerjali, il-punt sa fejn l-attivitajiet tal-2015 se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tal-2014 imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. Hemm il-ħtieġa li l-fondi magħmula disponibbli għall-baġits annwali tal-aġenzija jiġu allinjati aħjar mal-ħtieġijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-istrategġija pluriennali tal-IT tagħha.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI**

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdju b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*  
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*

---

## ANNEX I

## Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2012	Ir-riport ta' approprjazzjonijiet impenjati għall-2013 kien għoli ħafna għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) flivell ta' 79 % tal-approprjazzjonijiet totali. Fil-biċċa l-kbira dan jirriżulta mill-kumplessità u d-durata twila ta' proċedura waħda ta' akkwist tal-IT li għaliha l-kuntratt ta' EUR 2,2 miljun ġie ffirmat kif ipplanat f'Diċembru 2012.	M/A
2013	Il-Bord Maniġerjali adotta s-16-il Standard ta' Kontroll Intern tal-Awtorità f'Marzu 2013. Fi tmiem is-sena, l-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha għaddejja abbażi ta' pjan ta' azzjoni ċar li kien miftiehem mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.	Ikkompletata
2013	L-impenji legali mhux dejjem ġew awtorizzati minn uffiċjali b'delega xierqa u ma kinux dejjem preċeduti minn impenn baġitarju awtorizzat b'mod xieraq. Dan juri l-ħtieġa għal titjib tad-definizzjoni ta', u konformità ma', ċirkwiti finanzjarji skont ir-Regolament Finanzjarju.	Ikkompletata
2013	Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 95 %. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati żdied aktar meta mqabbel mas-snin preċedenti u kien għoli flivell ta' EUR 5,2 miljun (28 %), b'mod partikolari għat-Titolu II flivell ta' EUR 1,0 miljun (30 %) u għat-Titolu III flivell ta' EUR 3,7 miljun (85 %). Dan irriżulta prinċipalment minn kuntratti speċifiċi b'valur kumulattiv ta' EUR 3 miljun iffirmati aktar tard fis-sena, b'mod partikolari għall-iżvilupp u ż-żamma ta' database Ewropew (EUR 2,6 miljun) u servizzi oħra tal-IT li għandhom jiġu pprovduti fl-2014. Għalkemm l-impenji relatati huma legali u regolari u r-rati baxxi ta' kanċellazzjoni għar-riporti mill-2012 ikkonfermaw li l-istimi kienu tajbin, il-punt sa fejn l-approprjazzjonijiet għall-2013 intużaw biex ikopru attivitajiet tal-2014 imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.	M/A

## ANNEX II

## L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (Frankfurt am Main)

## Kompetenzi u attivitajiet

<p><b>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikoli 26, 114, 290, 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Tistabbilixxi jew tassigura l-funzjonament tas-suq intern, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.</p> <p>Tħejji abozz ta' standards tekniċi bħala xogħol preparatorju għal atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv jew meta jkun hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti.</p>
<p><b>Kompetenzi tal-Awtorità</b></p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità, l-Artikoli 1(6) u l-Artikolu 8 dwar kompiti u setgħat)</p>	<p><b>Għanijiet</b></p> <p>Tippoteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, taċ-ċittadini u tan-negozji tagħha.</p> <p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja;</li> <li>— li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;</li> <li>— li tikkoopera mill-qrib mal-BERS;</li> <li>— li torganizza u twettaq analiżijiet tar-reviżjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti;</li> <li>— li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha;</li> <li>— li twettaq analiżijiet ekonomiċi tas-swieq biex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha sew;</li> <li>— li tippromwovi l-ħarsien tad-detenturi ta' poloz, u tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjonijiet;</li> <li>— li tikkontribwixxi għall-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju sistemiku, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-għoti ta' protezzjoni ta' livell għoli lid-detenturi ta' poloz, lill-benefiċjarji u fl-Unjoni kollha;</li> <li>— li twettaq kwalunkwe kompitu speċifiku ieħor stipulat f'dan ir-Regolament jew f'atti leġiżlattivi oħra;</li> <li>— li tippubblica fil-websajt tagħha, u taġġorna b'mod regolari, l-informazzjoni relatata mal-qasam tal-attivitajiet tagħha;</li> <li>— li tiegħu r-responsabbiltà, kif adatt, tal-kompiti kollha eżistenti u li għaddejjin bħalissa mill-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS).</li> </ul>

**Governanza**

(Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi l-Awtorità: l-Artikoli 40-44: *Bord tas-Superviżuri*; l-Artikoli 45-47: *Bord Maniġerjali*; l-Artikoli 48-50: *President*; l-Artikoli 51-53: *Direttur Eżekuttiv*)

**Bord tas-Superviżuri (BtS)***Kompożizzjoni*

President (ma għandux ikollu vot), il-kap tal-awtorità pubblika nazżjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji f'kull Stat Membru (membru wieħed għal kull Stat Membru, li għandu jkollu vot), rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni (ma għandux ikollu vot), tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ma għandux ikollu vot), tal-Awtorità Bankarja Ewropea, tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (it-tnejn ma għandhomx ikollhom vot); osservaturi jistgħu jiġu permessi u d-*Direttur Eżekuttiv* jista' jipparteċipa f'laqgħat (*ma għandux ikollu vot*)

*Kompiti*

Il-korp prinċipali tal-Awtorità għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

**Bord Maniġerjali (BM)***Kompożizzjoni*

President tal-Awtorità (għandu vot), sitt Membri Votanti tal-BtS (għandhom vot), rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni Ewropea (għandu vot għal kwistjonijiet relatati mal-baġit). Id-*Direttur Eżekuttiv* għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-BM mingħajr id-dritt li jivvota.

*Kompiti*

Il-BM għandu jiżgura li l-Awtorità twettaq il-missjoni tagħha u twettaq il-kompiti assenjati lilha skont ir-Regolament Nru 1094/2010.

**Il-President tal-Awtorità**

Jirrappreżenta l-Awtorità, iħejji x-xogħol tal-Bord tas-Superviżuri (BtS), imexxi l-laqgħat tal-BtS u tal-BM.

**Id-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità**

Huwa inkarigat mit-tmexxija tal-Awtorità u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u l-baġit; iħejji x-xogħol tal-Bord Maniġerjali, il-baġit u l-programm ta' ħidma.

**Kumitat tal-Kontroll tal-Kwalità***Kompożizzjoni*

Il-President Supplenti (president) tal-Awtorità u żewġ Membri tal-Bord Maniġerjali. Id-*Direttur Eżekuttiv* jipparteċipa bħala osservatur.

*Kompiti*

Li jissorvelja u jivvaluta l-implimentazzjoni xierqa tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet interni.

**Awditu estern**

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**Awditu intern**

Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).

**Awtorità ta' kwittanza**

Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.

<p><b>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2014 (2013)</b></p>	<p><b>Baġit Finali</b></p> <p>Approprjazzjonijiet tal-Baġit Finali: EUR 21 595 704 (18 767 470)</p> <p><b>Tabella tal-Persunal</b></p> <p>Persunal statutorju: 87 (80) post awtorizzat fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 87 (80)</p> <p>It-tabella tal-persunal issodisfata 100 % (100 %)</p> <p>Postijiet għal persunal kuntrattwali: 37 ippjanati fil-baġit, 33 okkupati (22/19)</p> <p>Postijiet għal Esperti Nazzjonali Sekondati: 21 (12) ippjanati fil-baġit, li minnhom okkupati: 14 (11)</p> <p>Total: 134 (110) membru tal-persunal</p>
<p><b>Prodotti u servizzi fl-2014</b></p>	<p><b>Kompiti regolatorji</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 18-il abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni mħejjija fir-rigward ta' Solvenza II.</li> <li>— Konsultazzjoni u finalizzazzjoni ta' madwar 500 linja gwida relatati ma' Solvenza II.</li> <li>— Valutazzjonijiet tal-impatt assoċjati fir-rigward ta' kull abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni u ta' kull sett ta' linji gwida.</li> <li>— Konsultazzjoni dwar kif l-EIOPA se timplimenta l-obbligu statutorju tagħha biex tippubblika r-rata tal-imgħax mingħajr riskju għal għadd kbir ta' muniti.</li> <li>— Rapport annwali mtejjeb dwar għadd ta' IORPs transkonfinali.</li> <li>— Dokument ta' konsultazzjoni dwar is-solvenza ta' IORPs.</li> <li>— Rapport dwar suq uniku tal-UE fil-pensjonijiet personali.</li> <li>— Xogħol fuq sitt evalwazzjonijiet bejn il-pari matul l-2014.</li> <li>— Reviżjoni ta' rapporti dwar l-ekwivalenza tal-qafas ta' assigurazzjoni tal-Bermuda, il-Ġappun u l-Iżvizzera.</li> <li>— Għadd ta' djalogi ma' pajjiżi terzi importanti inklużi l-Istati Uniti u ċ-Ċina.</li> <li>— Rapport ta' segretezza professjonali u ta' analiżi tad-diskrepanza għall-Isle of Man, il-Kanada, l-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u t-Turkija.</li> </ul> <p><b>Kompiti superviżorji</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Attendenza għal-laqgħat tal-Kulleġġ tas-Superviżuri u/jew għal telekonferenzi għal 77 grupp.</li> <li>— 127 laqgħa għal 83 grupp inklużi l-kulleġġi li għalihom ittieħed approċċ proporzjonat.</li> <li>— B'kollox 144 jum ta' laqgħat.</li> <li>— Approċċ proporzjonat ġie applikat mill-EIOPA fir-rigward ta' 15-il kulleġġ.</li> </ul>

- 23 grupp qed iħejju applikazzjoni għal mudell intern taħt l-Artikolu 231 tad-Direttiva SII li qed jimmiraw għal approvazzjoni fl-ewwel jum fejn tkun meħtieġa deċiżjoni konġunta.
- Eżempji eċċellenti ta' approċċ għall-iffurmar ta' fehma kondiviża ġew osservati f'6 NCAs differenti. Dawn l-eżempji jiġu jew se jiġu ppubblikati bħala Soluzzjonijiet u Eżempji Prattiċi (PSEs) fuq iż-żona ristretta tas-sit web tal-EIOPA.
- Sar progress fit-tħejija għall-proċess ta' applikazzjoni (ippjanar dettaljat, stadji importanti, u diskussjoni ta' punti ta' imblukkar għall-kulleġġi tal-mudell intern li jimmiraw għal approvazzjoni fl-ewwel jum).
- Ġew organizzati żewġ avvenimenti għas-Superviżuri tal-Gruppi.
- Tħejjiet proposta għal proċedura effiċjenti għall-iffurmar kollettiv tal-arranġament ta' koordinazzjoni matul is-sena.
- Ixxerred il-Pjan ta' Azzjoni 2015-2016 għall-Kulleġġi.
- Rapport interim u ta' tmiem is-sena dwar il-Funzjonament tal-Kulleġġi u l-Kisbiet tal-Pjan ta' Azzjoni 2014.
- Aġġornament kontinwu tal-lista Helsinki Plus fuq iż-żona ristretta tas-sit web tal-EIOPA.
- Ġiet aġġornata u ppubblikata lista ta' gruppi tal-EIOPA li għalihom hemm stabbilit Kulleġġ tas-Superviżuri.
- Ġew ippubblikati linji gwida dwar il-funzjonament operazzjonali ta' kulleġġi tas-superviżuri inkluż mudell għall-arranġament ta' koordinazzjoni u għal pjan ta' emerġenza.
- Ġew ippubblikati, għal konsultazzjoni pubblika, linji gwida dwar skambju ta' informazzjoni fuq bażi sistematika fi ħdan kulleġġi.
- L-EIOPA kellha laqgħat ma' 4 superviżuri. Bi tnejn minnhom speċifikament dwar l-esperjenza tagħhom bis-superviżjoni ta' friegħi, u b'waħda dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ integrat internament tagħha lejn il-kulleġġi li jmessu u li jattendu.
- Ġie żviluppat Pakkett Komuni għall-Aplikazzjoni ta' Mudelli Interni u l-użu minnu ġie promoss permezz ta' Opinjoni tal-EIOPA.
- Ġew ippubblikati ħames noti ta' prattika tajba dwar il-valutazzjoni ta' mudelli interni fuq iż-żona tal-membri fuq il-sit web.
- Ġiet prodotta nota "Practical Guidance on Internal Model Joint Decisions" (Gwida Prattika dwar Deċiżjonijiet Konġunti fuq Mudelli Interni) għall-NSAs, li kienet tinkludi skeda mudell ta' żmien għas-sitt xhur tal-proċess ta' approvazzjoni.
- Twettaq eżerċizzju ta' benchmarking dwar ir-riskju tas-suq f'mudelli interni f'bosta pajjiżi.

#### **Protezzjoni tal-konsumatur u innovazzjoni finanzjarja**

- Dokument ta' Konsultazzjoni Konġunta dwar bejgħ inkroċjat.
- Dokument ta' Diskussjoni Konġunta dwar Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (KIDs).
- Dokument ta' Konsultazzjoni dwar Setgħat ta' Intervent fuq Prodotti taħt ir-Regolament dwar Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni għal Prodotti Aggregati ta' Investiment għall-Konsumaturi Bbażati fuq l-Assigurazzjoni.



- Dokument ta' Konsultazzjoni dwar il-proposta għal Linji Gwida dwar sorveljanza ta' prodotti u arranġamenti ta' governanza minn impriżi tal-assigurazzjoni.
- Dokument ta' Konsultazzjoni dwar Kunflitti ta' Interess f'bejgħ dirett u intermedjat ta' prodotti bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs).
- Dokument ta' Diskussjoni dwar Kunflitti ta' Interess f'bejgħ dirett u intermedjat ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs).
- It-Tielet Rapport dwar it-Tendenzi tal-Konsumatur.
- Gwida ta' minuta: Linji Gwida tal-EIOPA dwar it-Trattament ta' Lmenti minn Intermedjarji ta' Assigurazzjoni.
- Rapport dwar il-feedback minn Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti fir-rigward tal-Opinjoni tal-EIOPA dwar Assigurazzjoni tal-Protezzjoni ta' Pagamenti.
- Lejn suq uniku tal-UE għal prodotti personali tal-pensjoni: Rapport Preliminari tal-EIOPA (protezzjoni superviżorja u tal-konsumatur).
- Rapport dwar kwistjonijiet li jwasslu għal detriment għal membri u benefiċjarji tal-iskema okkupazzjonali u l-ambitu potenzjali għal azzjoni għall-EIOPA.
- Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni dwar it-Test Achat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

#### **Kumitat Konġunt**

- Ipproduċa żewġ rapporti konġunti dwar riskji u vulnerabbiltajiet transsettorjali fis-sistema finanzjarja tal-UE, li ġew ippreżentati fil-laqgħat ta' Marzu u ta' Settembru tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tal-Kunsill (KEF-FST) u tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-BERS u li ġew ippubblikati fuq is-siti web tal-ASE.
- Linji Gwida Konġunti ppubblikati dwar il-konsistenza ta' Prattiki superviżorji għal konglomerati finanzjarji, żviluppatti skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji (id-Direttiva 2002/87/KE).
- Ġie ppreżentat lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 21a (1a) tad-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji, abbozz konġunt ta' Standard Tekniku Regulatorju (RTS) dwar il-konċentrazzjoni tar-riskju u tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp.
- F'Ottubru 2014, il-Kumitat Konġunt ippubblika l-lista aġġornata 2014 tiegħu ta' Konglomerati Finanzjarji identifikati. Il-lista turi 71 konglomerat finanzjarju bil-kap tal-grupp fpajjiż UE/ŻEE.
- Ipprova appoġġ lill-Bord ta' Appell li ddeċieda dwar żewġ każijiet ta' appell fl-2014 u ffinalizza każ wieħed ta' appell li tressaq fl-2013.

#### **Kultura superviżorja komuni**

- Tliet seminars transsettorjali.
- 17-il seminar għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

#### **Stabbiltà finanzjarja**

- Żewġ Rapport biannwali dwar l-Istabbiltà Finanzjarja (inklużi artikoli tematiċi).
- L-ikkompletar ta' għodod kwantitattivi għall-immudellar ta' riżervi u primjums.

- Il-produzzjoni ta' Tabella Operattiva tar-Riskji kull tliet xhur.
- L-ikkompletar ta' test tal-istress għas-settur tal-assigurazzjoni madwar l-Ewropa kollha (inkluż modulu ta' rendiment baxx).
- Il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-NCAs għal azzjoni superviżorja b'rispons għas-sejbiet tat-test tal-istress.
- Studju ta' tħejija dwar l-ittestjar tal-istress tas-settur tal-IORPs.
- Il-pubblikazzjoni ta' statistika annwali riveduta u mġedda tal-assigurazzjoni.

#### **Immaniġġar ta' kriżijiet**

- L-implimentazzjoni ta' proċess għal kunsiderazzjoni regolari tal-ħtieġa għal azzjoni preventiva tal-EIOPA b'rispons għal żviluppi avversi u riskji.
- L-ikkompletar ta' studji fi skambji ta' likwidità, tiftix għal rendiment, monetizzazzjoni ta' profitti futuri u riskju ċibernetiku.
- L-estensjoni tal-qafas tal-EIOPA ta' mmaniġġar ta' kriżijiet għas-settur tal-IORPs.
- Il-pubblikazzjoni ta' Opinjoni tal-EIOPA dwar Prinċipji Tajbin għat-tħejija ta' Prevenzjoni, Mmaniġġar u Riżoluzzjoni ta' Kriżijiet tal-NCAs.
- Il-ħolqien tal-Forum GSII biex jiġi żgurat approċċ komuni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-miżuri superviżorji meħtieġa għall-GSII.

#### **Relazzjonijiet esterni**

- 10 laqgħat, inkluża 1 konġunta mal-BtS, tal-IRSG u l-OPSG, 10 opinjonijiet uffiċjali u dikjarazzjonijiet b'feedback dwar dokumenti pubbliċi, 2 dokumenti ta' inizjattiva proprja u 2 risponsi għal konsultazzjonijiet informali.
- 21 Djalogu Regolarju u Superviżorju ma' superviżuri u ma' assoċjazzjonijiet ta' superviżuri ta' pajjiżi terzi mill-Awstralasja, l-Amerika Latina u l-Amerika ta' Fuq, l-Afrika t'Isfel, l-Iżlanda u l-Iżvizzera.
- Parteċipazzjoni attiva fi u kontributi għall-Kumitat Eżekuttiv tal-IAIS, il-Kumitat Tekniku u għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Sottokumitat tas-Solvenza u Attwarju u l-Konferenza Annwali tal-IAIS. L-EIOPA kkoordinat il-proċess tal-għażla għal total ta' sitt siġġijiet fil-Kumitat Eżekuttiv tal-IAIS li jappartjenu għar-Reġjuni tal-Ewropa tal-Punent, l-Ewropa Ċentrali, l-Ewropa tal-Lvant u r-Reġjun tat-Transkawkażja.
- Kontribut b'saħħtu għal xogħol l-IAIS dwar l-iżvilupp ta' Standards globali għall-Kapital tal-Assigurazzjoni, permezz tal-Gruppi ta' Ħidma għall-Iżvilupp tal-Kapital u l-Ittestjar fuq il-Post. Interazzjoni kontinwa mal-Membri tal-EIOPA biex titrawwem koordinazzjoni akbar.
- Proġett ta' Assigurazzjoni Stati Uniti-UE: id-dokument strateġiku Way Forward (It-Triq 'il Quddiem) ġie aġġornat biex jirrifletti l-progress sal-preżent u ambizzjonijiet ġodda, Laqgħat regolari tal-Kumitat ta' Tmexxija, il-progress tal-Kumitati Tekniċi fuq il-pjan u Avveniment Pubbliku f'Amsterdam.
- Ekwivalenza: Analiżi tad-diskrepanza tar-reġim ta' assigurazzjoni (mill-ġdid) tal-Isle of Man u tal-Kanada. Reviżjoni tal-valutazzjonijiet ta' Ekwivalenza 2011 għall-Bermuda, il-Ġappun u l-Iżvizzera. Ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika dwar ir-rapporti riveduti sa tmiem l-2014. Il-finalizzazzjoni ta' valutazzjoni tas-segretezza professjonali ferba' pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u fl-Ewropa tal-Lvant (l-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u t-Turkija). Fl-2014, saru 10 laqgħat tal-Ekwivalenza tal-EIOPA.

---

— L-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil Operazzjonali ffirmat bejn l-EIOPA u l-Bank Dinji, fost affarijiet oħra permezz tal-organizzazzjoni ta' Seminar Konġunt dwar superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju b'fokus fuq pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u fl-Ewropa tal-Lvant, il-ko-organizzazzjoni ta' konferenza GIS, u bosta laqgħat ta' livell għoli bejn l-EIOPA u l-Bank Dinji.

**Konferenzi/avvenimenti pubbliċi oħra 2014**

— Ħames konferenzi u avveniment (Konferenza dwar is-Superviżjoni ta' Assigurazzjoni Globali (GIS), Avvenimenti Pubbliċi "Insurance Mediation Directive 1.5" (id-Direttiva 1.5 dwar il-Medjazzjoni tal-Assigurazzjoni) u "Personal Pensions" (Pensjonijiet Personali), il-Konferenza annwali tal-EIOPA u t-tieni Jum Konġunt tal-ASE għall-Protezzjoni tal-Konsumatur).

---

Sors: Anness ipprovdut mill-Awtorità.

---

**IT-TWEGĪBA TAL-AWTORITÀ**

11. L-EIOPA tirrikonoxxi li l-perċentwal ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2013 għall-2014 u mill-2014 għall-2015 fit-Titolu III kien għoli; dan kien minħabba n-natura pluriennali tal-ħidma, il-perjodju ta' żmien li kien ta' sfida (prinċipalment immexxi mill-kalendarju ta' Solvenza II bil-fażi preparatorja tibda fl-2015 u l-implimentazzjoni sħiħa fl-2016). Barra minn hekk, it-tnaqqis sostanzjali tal-baġit 2015 tal-EIOPA kien jeħtieġ ir-razzjonalizzazzjoni tal-baġit 2014 sabiex fl-2015, jintużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod effikaċi u effiċjenti, u jiġi minimizzat l-impatt tiegħu fuq il-proġetti tal-IT li għaddejnin, b'numru miżjud ta' trasferimenti baġitarji għat-Titolu III bħala konsegwenza. L-impenji riportati huma kritiċi għat-twettiq kontinwu tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-IT f'konformità maż-żmien statutorju. Huwa mistenni li l-perċentwali riportati fis-sena li ġejja se jonqsu hekk kif il-kapaċità tal-IT tal-EIOPA tkun implimentata, b'hekk titnaqqas il-ħtieġa għal minimu strett biex ammonti għoljin jiġu riportati fit-Titolu III.

12. L-EIOPA hija konxja mill-fatt li parti mill-attivitajiet tal-2015 huma koperti bi proporzjon relattivament għoli ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2014. Dan huwa spjegat bil-ħtieġa li tiffinanzja l-pjan tal-IT kumpless u pluriennali tagħha, filwaqt li tiżgura implimentazzjoni adatta ta' Solvenza II. B'dan il-pjan tal-IT, li fil-parti l-kbira tiegħu se jiġi implimentat fl-2016, il-livell ta' approprjazzjonijiet riportati se jkun limitat għal minimu strett fil-futur, f'konformità mal-prinċipju ta' annwalità. Barra minn hekk, sabiex ikunu allinjati aħjar il-fondi baġitarji disponibbli għas-sena in kwistjoni, il-baġit u l-proċessi ta' akkwist tal-EIOPA diġà ġew riveduti biex tkun iggarantita integrazzjoni sħiħa fl-ippjanar u l-proċessi ta' koordinament ġenerali tal-EIOPA, fil-qafas tal-Programm ta' Ħidma Annwali.